



Dokument ta' sessjoni

A9-0361/2023

15.11.2023

***|

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali (COM(2023)0244 – C9-0170/2023 – 2023/0143(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Cornelia Ernst

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM	14
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	15
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	16

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali
(COM(2023)0244 – C9-0170/2023 – 2023/0143(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0244),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0170/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0361/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill
2009/917/ĠAI¹⁰ dwar l-użu tat-teknoloġija
tal-informazzjoni għal finijiet doganali
tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni

Emenda

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill
2009/917/ĠAI¹⁰ dwar l-użu tat-teknoloġija
tal-informazzjoni għal finijiet doganali
tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni

Doganali (CIS) biex tassisti fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali billi tippovdi informazzjoni aktar malajr u żżid l-effettività tal-amministrazzjonijiet doganali. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni tiġi emendata biex tiġi allinjata mad-Direttiva (UE) 2016/680. B'mod partikolari, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju ***tal-ispeċifikazzjoni*** tal-iskop, ikunu limitati għal kategoriji speċifikati ta' suġġetti ta' data u kategoriji ta' data personali, jirrispettaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data, jinkludu protezzjoni addizzjonali għal kategoriji speċjali ta' data personali u jirrispettaw il-kundizzjonijiet għall-ipproċessar sussegwenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi inkluża dispożizzjoni dwar il-mudell ta' superviżjoni koordinata kif ġie introdott mill-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/1725¹¹.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Doganali (CIS) biex tassisti fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali billi tippovdi informazzjoni aktar malajr u żżid l-effettività tal-amministrazzjonijiet doganali. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni tiġi emendata biex tiġi allinjata mad-Direttiva (UE) 2016/680. B'mod partikolari, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju ***tal-limitazzjoni*** tal-iskop, ikunu limitati għal kategoriji speċifikati ta' suġġetti ta' data u kategoriji ta' data personali, jirrispettaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data, jinkludu protezzjoni addizzjonali għal kategoriji speċjali ta' data personali u jirrispettaw il-kundizzjonijiet għall-ipproċessar sussegwenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi inkluża dispożizzjoni dwar il-mudell ta' superviżjoni koordinata kif ġie introdott mill-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/1725¹¹.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propos mill-Kummissjoni

(5) Sabiex tiġi żgurata l-aħjar preservazzjoni tad-data filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti, il-proċedura li tirregola ż-żamma tad-data personali fis-CIS jenħtieġ li tiġi ssimplifikata billi jitneħħa l-obbligu li d-data tiġi rieżaminata kull sena u billi jiġi stabbilit perjodu massimu ta' żamma ta' **ħames** snin li jista' jiżdied, soġġett għal ġustifikazzjoni, b'perjodu addizzjonali ta' sentejn. Dak il-perjodu ta' żamma huwa meħtieġ u proporzjonat fid-dawl tat-tul tipiku tal-proċedimenti kriminali u l-ħtieġa tad-data biex isiru operazzjonijiet doganali konġunti u investigazzjonijiet.

Emenda

(5) Sabiex tiġi żgurata l-aħjar preservazzjoni tad-data filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti, il-proċedura li tirregola ż-żamma tad-data personali fis-CIS jenħtieġ li tiġi ssimplifikata billi jitneħħa l-obbligu li d-data tiġi rieżaminata kull sena u billi jiġi stabbilit **bħala regola ġenerali** perjodu massimu ta' żamma ta' **tliet** snin li jista' jiżdied, soġġett għal ġustifikazzjoni, b'perjodu addizzjonali ta' sentejn. Dak il-perjodu ta' żamma huwa meħtieġ u proporzjonat fid-dawl tat-tul tipiku tal-proċedimenti kriminali u l-ħtieġa tad-data biex isiru operazzjonijiet doganali konġunti u investigazzjonijiet.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propos mill-Kummissjoni

(2) ***Il-Paragrafu 2 tal-Artikolu 2 jitħassar b'dan.***

Emenda

(2) ***Fl-Artikolu 2, il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"2. "data personali" tfisser data personali kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};";

^{1a} ***Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar***

*id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill
2008/977/ĠAI, (ĠU L 119, 4.5.2016, p.
89).*

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Deċiżjoni 2009/917/JHA

Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, il-Kummissjoni għandha titqies bħala l-proċessur, skont it-tifsira tal-punt (12) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725, li taġixxi f'isem l-awtoritajiet nazzjonali maħtura minn kull Stat Membru, li għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali.

Emenda

Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, il-Kummissjoni għandha titqies bħala l-proċessur, skont it-tifsira tal-punt (12) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725, li taġixxi, **f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament**, f'isem l-awtoritajiet nazzjonali maħtura minn kull Stat Membru, li għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-fini tal-azzjonijiet **msemmijsin** fil-paragrafu 1, id-data personali li taqa' fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji **msemmijsin** fl-Artikolu 3(1) tista' tiddahħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali biss jekk ikun hemm bażi raġonevoli, b'mod partikolari abbażi ta' attivitajiet illegali preċedenti, li jissuġġerixxu li l-persuna kkonċernata wettqet, qiegħda twettaq, jew se twettaq ksur serju tal-liġijiet nazzjonali.

Emenda

2. Għall-fini tal-azzjonijiet **imsemmija** fil-paragrafu 1, id-data personali li taqa' fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji **msemmija** fl-Artikolu 3(1) tista' tiddahħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali biss jekk ikun hemm bażi raġonevoli **u oġġettiva**, b'mod partikolari abbażi ta' attivitajiet illegali preċedenti, li jissuġġerixxu li l-persuna kkonċernata wettqet, qiegħda twettaq, jew se twettaq ksur serju tal-liġijiet nazzjonali.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(6) *Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, b'mod eċċeżżjonali l-Kunsill jiġi, b'deċiżjoni unanimi u wara konsultazzjoni mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, jippermetti aċċess għas-Sistema ta’ Informazzjoni Doganali minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali, dment li jintlaħqu ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-aċċess jikkonforma mal-prinċipji ġenerali għat-trasferimenti ta' data personali stabbiliti fl-Artikolu 35 jew, fejn applikabbi, l-Artikolu 39 tad-Direttiva (UE) 2016/680;

(b) l-aċċess ikun ibbażat jew fuq deċiżjoni ta' adegwatezza adottata skont l-Artikolu 36 ta' dik id-Direttiva jew ikun soġġett għal salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 37 tagħha.”

Emenda

(6) *fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 huwa mħassar;*

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri, il-Europol u l-Eurojust jistgħu jipproċċaw data personali miksuba mis-Sistema ta’ Informazzjoni Doganali biss f’dawk il-każi biex jintlaħaq l-ġhan iddikjarat fl-Artikolu 1(2), f’konformità mar-regoli applikabbi tal-liġi

Emenda

L-Istati Membri, il-Europol u l-Eurojust jistgħu jipproċċaw data personali miksuba mis-Sistema ta’ Informazzjoni Doganali biss f’dawk il-każi biex jintlaħaq l-ġhan iddikjarat fl-Artikolu 1(2), f’konformità mar-regoli applikabbi tal-liġi

tal-Unjoni dwar ***l-iproċessar*** ta' data personali.

tal-Unjoni dwar ***il-protezzjoni*** ta' data personali.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Mingħajr pregħidizzju għall-paragrafi 1 u 4 ta’ dan l-Artikolu, u l-Artikoli 11 u 12, id-data miksuba mis-Sistema ta’ Informazzjoni Dorganali għandha tintuża biss mill-awtoritajiet nazzjonali f’kull Stat Membru nominat mill-Istat Membru in kwistjoni, li huma kompetenti, skont il-ligħiġiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta’ dak l-Istat Membru, biex jaġixxu ħalli jiksbu l-objettiv imsemmi fl-Artikolu I(2). ”;

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagraphu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) tintbagħħat lil, u tkompli tīgħi pproċessata minn, awtoritajiet nazzjonali minbarra dawk maħtura skont il-paragrafu 2, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni dwar ***l-iproċessar*** ta' data personali; or

(a) tintbagħħat lil, u tkompli tīgħi pproċessata minn, awtoritajiet nazzjonali minbarra dawk maħtura skont il-paragrafu 2, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni dwar ***il-protezzjoni*** ta' data personali; jew

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) trasferita lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali, u pproċessat ulterjorment minnhom f'konformità mal-Kapitolo V tad-Direttiva (UE) 2016/680 u, fejn rilevanti, **mal-Kapitolu V** tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Emenda

(b) trasferita lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali, u pproċessat ulterjorment minnhom f'konformità mal-Kapitolo V tad-Direttiva (UE) 2016/680 u, fejn rilevanti, **mal-Kapitolu V u IX** tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni

Id-data personali mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tinżamm biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imsemmi fl-Artikolu 1(2) **u ma tistax tinżamm għal aktar minn ħames** snin. Madankollu, b'mod eċċeżżjonali, dik id-data tista' tinżamm għal perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn sentejn, fejn u sa fejn dan ikun meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan **hija stabbilita** f'każ individwali.

Emenda

Id-data personali mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tinżamm biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imsemmi fl-Artikolu 1(2). **Il-ħtieġa għaż-żamma tagħha għandha, bħala regola ġenerali, tkun riveduta mill-inqas darba kull tliet** snin. Madankollu, b'mod eċċeżżjonali, dik id-data tista' tinżamm għal perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn sentejn, fejn u sa fejn dan ikun **strettamente** meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan f'każ individwali.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni

Id-Direttiva (UE) 2016/680 **għandha tapplika** għall-iproċessar ta' data personali skont din id-Deċiżjoni.

Emenda

Id-Direttiva (UE) 2016/680 **u r-Regolament (UE) 2018/1725 għandhom jaapplikaw** għall-iproċessar ta' data personali skont din id-Deċiżjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Deċiżjoni 2009/917/ĠAI

Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni

Għandha tiġi żgurata superviżjoni koordinata fost l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Emenda

1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkun responsabbi biex jimmonitorja l-iproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament u jiżgura li dan jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-kompieti u s-setgħat imsemmija fl-Artikoli 57 u 58 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għandhom jaapplikaw kif xieraq.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jwettaq awditu tal-iproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament f'konformità mal-istandard internazzjonali tal-awditjar mill-inqas kull tliet snin. Rapport ta' dak l-awditu għandu jintbagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali.

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali, li kull wieħed minnhom jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħi, għandhom jikkoperaw b'mod attiv fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħhom u għandhom jiżguraw superviżjoni koordinata f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE)

2018/1725.

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-lista li ġejja tfasslet taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur. Ir-Rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet jew mill-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Ir-rapporteur tiddikjara li ma rċevietx kontribut minn xi entità jew persuna.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali
Referenzi	COM(2023)0244 – C9-0170/2023 – 2023/0143(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	11.5.2023
Kumitat responsabblī Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 11.5.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Cornelia Ernst 6.7.2023
Eżami fil-kumitat	25.10.2023
Data tal-adozzjoni	13.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Annalisa Tardino, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, Nathalie Loiseau, Jan-Christoph Oetjen, Anne-Sophie Pelletier, Dragoş Tudorache, Maria Walsh
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Ciarán Cuffe, Marie Dauchy, Estrella Durá Ferrandis, Malte Gallée, Niclas Herbst, Martin Hojsík, France Jamet, Bernd Lange, Jutta Paulus, Laurence Sailliet, Ivan Štefanec
Data tat-tressiq	15.11.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

41	+
ID	Marie Dauchy, France Jamet, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche
PPE	Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Niclas Herbst, Jeroen Lenaers, Laurence Sailliet, Sara Skyttdal, Ivan Štefanec, Maria Walsh
Renew	Abir Al-Sahlani, Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Katalin Cseh, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Martin Hojsík, Sophia in 't Veld, Nathalie Loiseau, Jan-Christoph Oetjen, Dragoş Tudorache
S&D	Pietro Bartolo, Estrella Durá Ferrandis, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Bernd Lange, Juan Fernando López Aguilar, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Ciarán Cuffe, Malte Gallée, Erik Marquardt, Jutta Paulus

0	-

1	0
NI	Milan Uhrík

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni